# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN
# AVVIŻI 22 TA' DIĊEMBRU 2019

**Novena tal-Bambin**

Matul in-novena tal-Bambin, wara l-quddiesa tas-7:00am nitolbu flimkien it-talba tan-novena quddiem Ġesù Ewkaristija. Il-quddiesa tas-6:00pm matul in-novena tkun animata mill-Kummissjonijiet, Għaqdiet u Gruppi differenti tal-Parroċċa tagħna.

Illum is-Sibt 21 ta' Diċembru 2019, is-7 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:30pm quddiesa animata mill-Kummissjoni Familja.

Għada l-Ħadd 22 ta' Diċembru 2019, it-8 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Grupp tal-Kappella tal-Adorazzjoni.

It-Tnejn 23 ta' Diċembru 2019, id-9 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Grupp Santa Marta u mill-Voluntiera tal-Parroċċa.

**Tberik tal-Bambini u l-Presepji**

Għada l-Ħadd 22 ta' Diċembru 2019 fil-quddiesa tad-9:15am ikollna t-tberik tal-Bambini u l-Presepji. Inħeġġu lit-tfal iġibu magħhom il-Bambin jew il-Presepju li ngħatalhom din is-sena mill-M.U.S.E.U.M. jew miċ-Ċentru tad-Duttrina.

**Dimostrazzjoni b'Ġesù Bambin**

Il-Membri tal-M.U.S.E.U.M. iħeġġukom sabiex tipparteċipaw, fid-Dimostrazzjoni ta' Ġesù Bambin li se ssir it-Tlieta 24 ta' Diċembru 2019. Il-purċissjoni se tibda fis-5:45pm mill-M.U.S.E.U.M. u se ssir in-naħa taż-Żonqor. Fis-7:00pm, il-purċissjoni tidħol fil-Knisja Parrokkjali fejn jittella' programm ta' kant u poeżiji. Wara l-purċissjoni jittellgħu diversi premjijiet u titqassam qagħqa tal-għasel lil dawk kollha li jattendu.

**Lejlet il-Milied**

It-Tlieta 24 ta' Diċembru 2019, Lejlet il-Milied, il-Quddies ikun bħas-soltu fis-6:00pm. Fis-7:00pm tidħol il-purċissjoni tal-Bambin fil-Knisja Parrokkjali u jkollna programm imtella' mill-membri tal-M.U.S.E.U.M., imbagħad il-quddiesa tat-8:00pm. Il-Knisja terġa' tiftaħ fl-10:00pm u fil-11:00pm tibda l-Velja tal-Milied bil-prietka tat-tfal u f'12:00am il-Quddiesa tal-Milied. It-tfal mistiedna sabiex min jixtieq jilbes ta' anġlu jew ta' ragħaj u jieħdu sehem fil-purċissjoni bil-Bambin fil-bidu tal-quddiesa. Inħeġġiġkom sabiex tattendu għax dan huwa l-isbaħ mod kif niċċelebraw il-Milied aħna l-Insara meta nattendu għall-velja u l-quddiesa ta' 12:00am. F'nhar il-Milied, il-quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:30pm, fit-8:00am, fid-9:15am, fil-11:30am u fis-6:00pm. Fil-11:00am

ikun hemm quddiesa bl-ingliż fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna.

**Kwaranturi**

Il-Ġimgħa, it-Tnejn u t-Tlieta jkollna l-Kwaranturi – tlett ijiem ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. Nesponu s-Sagrament wara l-quddiesa tat-7.45am sa nofsinhar u mill-4.00pm sal-quddiesa tas-6.00pm. Inħeġġukom issibu ħin u tiġu titolbu quddiem Ġesù Ewkaristija u nirringrazzjawh flimkien.

**Youths Got Talent**

Il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2019 fit-8:00pm ser jittellà Youths Got Talent fis-Sala Sant'Anna. Kulħadd mistieden għal din is-serata ta' talenti mtellgħà miż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna. Ser ikun hemm ġurija professjonali. Biljetti mis-sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Id-Dar tal-Providenza**

Infakkru fil-ġabra għad-Dar tal-Providenza li ssir fl-1 ta' Jannar 2020. Tkun ħaġa sabiħa li hekk kif inkunu miġburin flimkien bħala familja f'daż-żmien tal-Milied ngħinu lid-Dar tal-Providenza. Tistgħu titfgħu id-donazzjonijiet tagħkom f'buqar li ser ikun fuq l-artal matul din il-ġimgħa. Grazzi ħafna.

**Siġra tal-Imħabba**

Infakkrukom fis-Siġra tal-Imħabba. Bil-għajnuna tagħna nkunu qed ngħinu lill-familji fil-bżonn fil-Parroċċa tagħna. Dan hu mod ieħor kif aħna nistgħu inferrħu lil ħaddieħor fil-bżonn f'dan iż-żmien tal-Milied.

**Is-Seminarista Jean Claude Attard**

Il-Ħadd 5 ta' Jannar 2020, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fid-9:15am, Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta ser jilqa' żewġ seminaristi bħala kandidati għas-saċerdozju, fosthom lis-Seminarista Jean Claude Attard mill-Parroċċa tagħna. Inħeġġukom sabiex nattendu u min jixtieq jiġi magħna jidħol fis-sagristija jikteb ismu biex inkunu nistgħu nordnaw it-trasport li jitlaq minn fejn is-Sala Sant'Anna fit-8:00am. Nawgurawlu u nitolbu għalih.